MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tat-13 ta' Jannar, 2015

Talba Numru. 741/2014

**Eden Entertainment Limited (C26701)**

**Vs**

**Food Express Limited (C48308)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-Socjeta' attrici ppremmettiet illi s-Socjeta' konvenuta ghandha thallas lis-Socjeta' attrici l-ammont ta' elf disgha mija erbgha u sebghin ewro u wiehed u tletin centezmu (€1974.31c) dovut ghall-servizzi ta' reklamar rezi mis-Socjeta' attrici lis-Socjeta' konvenuta fuq Bay Radio u gewwa l-Eden Cinemas.

Bl-ispejjez tal-prezenti tal-ittri legali tal-14 ta' Jannar, 2014 u tas-26 ta' Gunju, 2014 u bl-imghax legali mit-28 ta' Frar, 2013 data tal-ahhar invoice sal-effettiv pagament kontra l-konvenuta nguta u Subizzjoni.

Ra mill-atti illi s-Socjeta' konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fis-06 ta' Jannar, 2015 mill-Avukat Dr Anthony Cutajar u l-fatt li s-Socjeta' konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li s-Socjeta' konvenuta naqset milli tipprova l-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-Socjeta' attrici fl-ammont ta' elf disgha mija erbgha u sebghin ewro u wiehed u tletin centezmu (€1974.31c), u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali skont kif mitlub fl-Avviz tat-talba.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------